# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Rikors Nru.: 78/2015/1 RM**

**Lecocqassociate Ltd (C 51053)**

**vs**

**Audentia Capital SICAV plc (SV 207) ghan-nom u fl-interess ta' Armatura Fund (Licence Holder PIF207/A)**

**Illum, 24 ta' Settembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici li gie pprezentat nhar it-2 ta' Marzu 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont dovut ta' hamest elef tliet mija u tmienja u ghoxrin ewro u tmienja u sittin centezmu (€5,328.68) rapprezentanti servizzi professjonali li nghataw mis-socjeta' attrici u li gew addebitati permezz ta' fattura numru 13009 datata 7 ta' Jannar, 2013, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'AF-1', oltre l-imghax legali mid-data ta' din l-istess fattura sal-jum tal-hlas effettiv.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Audentia Capital SICAV plc nomine li gietipprezentata fit-30 ta' Marzu, 2015 fejn eccepiet is-segwenti:

1. *"Illi preliminarjament, kontestwalment ma' din il-kawza s-socjeta' attrici ntavolat proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet* **Lecocqassociate Limited v Audentia Capital SICAV p.l.c.** *[14/2015 LM] illi wkoll jirrigwardaw allegati pendenzi ta' drittijiet professjonali dovuti mill-konvenuta lill-attrici. Tenut kont li l-vertenza hija bejn l-istess partijiet u tirrigwarda l-istess materja, ikun bir-rispett opportun illi dawn il-proceduri jistennew l-ezitu tal-kawza quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili biex hekk jigu evitati duplikazzjoni ta' provi u sentenzi konfliggenti;*

2. *Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti teccepixxi illi mhijiex il-legittimu kontradittur, stante illi s-servizzi professjonali tal-attrici ma ntalbux mill-eccipjenti Audientia Capital SICAV plc, izda minn Alberto Llaneza Martin;*

3. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammonti mitluba mhumiex dovuti stante illi, kif ser jintwera fil-mori ta' dawn il-proceduri, is-servizzi li ghalihom qed jintalab il-hlas kienu fi flat fee maqbula bejn is-socjeta` attrici u Alberto Llaneza Martin, liema flat fee ilha li thallset sa mill-2012;*

4. *Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-sighat u r-rati kkwotati huma ezagerati meta mqabbla man-natura tas-servizzi moghtija;*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-24 ta' Gunju 2015 fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta fit-30 ta' Settembru 2016 fejn gie ordnat li x-xhieda kollha li nstemghu fil-kawza Rikors 77/15 fl-istess ismijiet handhom japplikaw *mutatis mutandis* ghal din il-kawza.

Rat ukoll is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-24 ta' Mejju 2018 fejn *inter alia*, cahdet l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta u laqghet it-talbiet attrici;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 2019 li permezz taghha, fuq appell interpost mis-socjeta` konvenuta, laqghet l-ewwel aggravju u hassret is-sentenza moghtija fl-24 ta' Mejju 2018 filwaqt li baghtet l-atti lura lil din il-Qorti sabiex terga' tisma' mill-gdid abbazi tal-eccezzjonijiet li tat il-konvenuta, mhux inkluz l-eccezzjoni deciza preliminarjament bis-sentenza tal-24 ta' Gunju 2015.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Awwissu 2019 li permezz tieghu ordnat li l-kawza tigi riappuntata ghas-smigh ghal-5 ta' Novembru 2019;

Rat illi waqt l-udjenza tas-7 ta' Jannar 2020 id-difensuri tal-partijiet taw ruhhom b'notifikat ghall-patrocinati rispettivi taghhom bl-avviz tar-riappuntament tal-kawza;
Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tas-7 ta' Jannar 2020;

Qrat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemghu minn din il-Qorti diversament preseduta;

Rat id-dokumenti u l-provi kollha;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tas-7 ta' Frar 2020;

Rat illi d-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza tas-7 ta' Jannar 2020 qablu li s-sentenza li ghandha tinghata mill-Qorti ghanda tinghata billi tittiehed konsiderazzjoni tat-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, izda mhux l-ewwel eccezzjoni;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Wara li giet sorvolata u deciza l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta, u wara li s-sentenza finali moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-24 t' Mejju 2018 giet imhassra u l-atti tal-kawza rinvijati lil din il-Qorti kif preseduta, huwa manifest illi din l-istess Qorti ghandha tiddeciedi t-talba attrici mill-gdid mehud in konsiderazzjoni t-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet sollevati fir-Risposta pprezentata mis-socjeta` konvenuta fit-30 ta' Marzu 2015.

It-talba tas-socjeta` attrici hija ghall-hlas tal-ammont ta' hamest elef, tliet mija tmienja u ghoxrin ewro u tmienja u sittin centezmu (€5,328.68), rapprezentanti bilanc ghal servizzi professjonali rezi minnha lis-socjeta` konvenuta skond fattura numru 13009 datata 7 ta' Jannar, 2013[1].

**<u>It-Tieni Eccezzjoni</u>**

[1] Dok. AF1, fol 2 *et seq*.

Da parti taghha, is-socjeta` konvenuta tikkontendi, preliminarjament, li s-socjeta` konvenuta m'hijiex il-legittimu kontradittur ghaliex fil-fehma taghha, is-servizzi professjonali rezi mis-socjeta` attrici ma ntalbux mill-konvenuta Audentia Capital Sicav plc izda minn Alberto Llaneza Martin personalment u mhux bhala direttur tas-socjeta` konvenuta.

In propositu, Alberto Llaneza Martin xehed illi fid-29 ta' April 2011 huwa kien personalment ingagga lis-socjeta` attrici bil-hsieb li hi twaqqaf Professional Investor Fund – Audentia Capital Sicav plc - kif ukoll *sub-fund* bl-isem Armatura Fund, u gie miftiehem illi dan ix-xoghol ta' twaqqif u inkorporazzjoni tal-Fund u s-Sub Fund relattiva, kellu jsir versu hlas ta' fee totali fis-somma ta' €24,000. Isostni wkoll – u dan mhux kontestat – illi din is-somma thallset *in toto* u l-pagament gie effettwat kollu kemm hu, minnu personalment. Llaneza xehed ukoll illi l-ftehim ghall-prestazzjoni tas-servizzi tas-socjeta` attrici, gie negozjat u konkluz minnu personalment fil-kapacita` tieghu bhala promotur ta' Audentia, ghaliex dak iz-zmien huwa kien ghadu ma giex gie appuntat bhala direttur u membru tal-Investment Committee tal-iskema. Jispjega illi fiz-zmien meta giet inkarigata s-socjeta` attrici, l-iskema ma kienetx ghadha tezisti u kien proprju ghalhekk li huwa talab is-servizzi tas-socjeta` attrici u konsegwentement, ghandu jirrizulta li l-pretensjoni tas-socjeta` attrici giet indirizzata hazin fil-konfront tas-socjeta` Audentia Capital Sicav plc. Qal ukoll, izda, li:-

"*This is especially true with respect to fees being requested in relation to* ***work which was carried out with a view to setting up the Scheme****, since it is evident that the latter did not exist at the time.*" [enfasi tal-Qorti]

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et**[2] deciza fil-5 ta' Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell fejn gie ritenut illi:-

"*Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li ttalbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et** deciza fit-28 ta' Settembru 2016, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk:

"*Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza*:

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell:*

"*In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet*

[2] Cit. Nru. 1365/92AJM

*aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika."*

Imbaghad, fil-kawża fl-ismijiet **Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et**[3], deciza fit-3 ta' Ottubru 2008, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili spjegat illi:

"*Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport.*"

Applikat dan l-insenjament ghall-kaz odjern, il-Qorti tqis illi ghad-determinazzjoni dwar in-nuqqas ta' legitimazzjoni passiva tas-socjeta` konvenuta ghat-talba kif ifformulata fir-Rikors promotur, jehtieg li jigi stabbilit l-ezistenza ta' rapport guridiku li in bazi tieghu is-socjeta` attrici setghet tippromwovi l-azzjoni odjerna fil-konfront tas-socjeta` konvenuta.

Mill-atti jirrizulta li **l-pretensjoni tas-socjeta` attrici f'din il-kawza fil-konfront tas-socjeta` konvenuta, hija ghall-hlas ta' xogholijiet konnessi mas-sub fund (Armatura Fund) li gie mwaqqaf bis-sahha ta', u kwindi sussegwentement ghall-inkorporazzjoni tal-Professional Investor Fund (*umbrella fund*) Audentia Capital Sicav plc innifisha**. F'dak l-istadju, cioe` wara t-twaqqif u inkorporazzjoni tas-socjeta` konvenuta li mbaghad ghaddiet hija stess biex twaqqaf is-sub fund taghha Armatura Fund, kien evidenti li s-socjeta` Audentia Capital Sicav plc kienet diga` akkwistat personalita` guridika separata u ghalhekk, l-inkarigu ghall-prestazzjoni ta' servizzi professjonali ma jistax jitqies li nghata biss minn Alberto Llaneza Martin personalment. Minn dan isegwi illi l-istess socjeta` konvenuta kellha parti materjali fin-negozju li ta lok ghat-talba tas-socjeta` attrici kif imfissra fir-Rikors promotur, u dan huwa bizzejjed, fil-fehma tal-Qorti, biex isawwar ir-relazzjoni guridika li hija mehtiega biex is-socjeta` konvenuta titqies li hija l-legittima kontradittrici ghat-talba tas-socjeta` attrici.

[3] Prim Awla tal-Qorti Civili Cit. Nru. 1236/07GV

Galadarba huwa stabbilit dan in-ness, jikkonsegwi illi l-istess konvenuta giet imharrka korrettement u illi s-socjeta` attrici ghandha d-dritt li tindirizza t-talba taghha ghall-hlas fil-konfront tal-istess socjeta` konvenuta. Il-konvenuta hija ghalhekk legittimu kontradittrici f'dawn il-proceduri u konsegwentement it-tieni eccezzjoni taghha ghandha titqies li hija infondata.

**<u>Il-Mertu</u>**

Fil-mertu, is-socjeta` konvenuta teccepixxi li ma ghandhiex thallas lis-socjeta` attrici l-ammont pretiz, minhabba zewg ragunijiet:-

- Fl-ewwel lok, tikkontendi illi l-ammont mitlub mhux dovut ghaliex is-servizzi li taghhom qed jintalab il-hlas, kienu inkluzi fil-*flat fee* maqbula bejn Alberto Llaneza Martin u s-socjeta` attrici, fis-somma komplessiva ta' €24,000, liema somma ilha li thallset sa mill-2012; u
- Fit-tieni lok tikkontendi illi s-sighat u r-rati kkwotati mis-socjeta' attrici fl-invoice taghha, huma ezagerati meta mqabbla man-natura tas-servizzi moghtija.

Ikkunsidrat;

Il-hlas pretiz f'din il-kawza hija ghas-somma ta' €5,328.68, pretiza fuq fattura bin-numru 13009, liema fattura tirreferi ghal servizzi li gew prestati mis-socjeta` attrici in konnessjoni mat-twaqqif tal-Armatura Fund.

Fix-xhieda tieghu[4], Domenic Lecocq ikkonferma illi talli s-socjeta` attrici ghamlet ix-xoghol tas-*set-up* ossia twaqqif u inkorporazzjoni tal-Professional Investor Fund Audentia Capital Sicav plc u tal-Armatura Fund, huma ccargjaw *flat-rate* filwaqt li ghall-kumplament tax-xoghol, iccargjaw "*flat-rate by the*

[4] 20 ta' Jannar 2016.

*hour"* u dwar dan kien hemm ftehim ma' Alberto Llaneza Martin u mal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` konvenuta.

Lecocq spjega wkoll illi kien hemm hafna membri li rrizenjaw mill-Bord tad-Diretturi u mill-*investment committee*, u dan ta lok ghal hafna xoghol amministrattiv addizzjonali u problemi li ma kienux previsti fis-*setup* tas-Sicav u tas-sub fund, ghaliex kellhom jigu appuntati membri godda u kumitat gdid. Dawn it-tibdiliet jehtiegu l-approvazzjoni tal-MFSA u t-thejjija ta' hafna dokumentazzjoni. Ix-xhud fisser ukoll illi minhabba f'dan ix-xoghol addizzjonali, huwa hareg kont tax-xoghol zejjed li kien qed isir mis-socjeta` attrici, liema servizzi kienu qed jigu ccargjati b'rata fis-siegha approvata minn Alberto Llaneza Martin u l-Bord tas-socjeta` konvenuta. Huwa qal ukoll li fic-cirkostanzi, billi kien qed isir hafna xoghol zejjed fuq talba tas-socjeta` konvenuta, hass li kellu jinzamm *timesheet* tax-xoghol addizzjonali kollu u annetta kopja ta' dan it-*timesheet* b'indikazzjoni tas-sighat ta' xoghol mahduma, flimkien mal-invoice relattiv[5].

Fl-Affidavit tieghu Alberto Llaneza Martin[6] jaqbel illi l-invoice 13009 jirreferi ghal xoghol li sar in konnessjoni mat-twaqqif tal-Armatura Fund. Fisser, izda, li ghas-servizzi relatati mat-twaqqif tal-Armatura Fund kien gie miftiehem *flat rate* li kienet maqbula inizzjalment bejn il-partijiet u dan il-*flat rate* giet imhallsa *in toto*. Skont Alberto Llaneza Martin, qatt ma kien hemm ftehim dwar hlas ghal servizzi addizjonali u qatt ma gie infurmat mis-socjeta` attrici bir-rati li kienu ser jigu imposti ghal dawn is-servizzi. Fix-xhieda tieghu jsostni illi fid-19 ta' Lulju 2012, huwa gie infurmat minn Domenic Lecocq permezz ta' *e-mail*, illi kien ser ikun qed jiccargja addizzjonalment ghat-tibdiliet li kienu saru iktar kmieni f'dik l-istess sena b'rabta mal-Founder Shareholders and

[55] Dok. AF1, invoice 13009, datat 7 ta' Jannar 2013.

[6] Dan l-Affidavit, ghalkemm kellu jigi inserit fl-atti processwali skont verbali tal-udjenzi li saru fit-8 ta' Frar 2017 u fil-5 ta' April 2017, ma nstabx fl-atti, izda kopja informi tieghu nstab fl-atti tal-kawza Rikors Numru 77/2015 fl-istess ismijiet. Il-partijiet kienu qablu waqt l-udjenza tat-30 ta' Settembru 2015, li l-provi li nstemghu fir-Rikors Numru 77/2015 kellhom jghoddu bhala provi wkoll f'din il-kawza odjerna.

Directors tal-iSkema (Dok. INV5). Isostni illi ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni precedenti fis-sens illi kellu jsir xi hlas ghal dawn is-servizzi u ghall-kuntrarju, jghid illi huma kienu ftiehmu verbalment illi ma kien ser ikun hemm ebda hlas dovut ghal dawn it-tibdiliet ghaliex kienu diga` ftiehmu fuq *flat fee*.

Ikkunsidrat;

Hemm qbil bejn il-partijiet illi kien intlahaq ftehim dwar il-hlas ta' *flat rate* li kellu jkopri s-servizzi professjonali kollha rezi mis-socjeta` attrici ghat-twaqqif u inkorporazzjoni tal-Professional Investor Fund innifsu kif ukoll tal-Armatura Fund, u f'kull kaz dan jirrizulta mill-*e-mail* Dok. AC53[7] u gie affermat ulterjorment minn Domenic Lecocq fl-*e-mail* li huwa baghat lil Alberto Llaneza Martin fis-26 ta' Dicembru 2012[8]. Mhux kontestat lanqas mis-socjeta` attrici illi effettivament, l-invoice relatat max-xoghol li sar in konnessjoni mat-twaqqif ta' Audentia u Armatura Fund, gie saldat.

Il-Qorti tosserva illi l-iskambju ta' korrispondenza tramite *e-mail* bejn Lecocq u Llaneza Martin fid-29 ta' April 2011[9], imkien ma jindika illi kien diskuss jew maqbul li kien ser ikun dovut hlas ulterjuri, b'zieda mal-*flat fee*, ghal servizzi rezi minhabba tibdiliet fl-istruttura tal-Fund principali u s-sub funds taghha, u ghal xoghol addizzjonali imwettaq b'rabta ma' dawn il-funds. Madanakollu, il-Qorti tosserva illi s-socjeta` konvenuta tammetti illi b'*e-mail* tad-19 ta' Lulju 2012, giet mgharrfa li s-socjeta` attrici kienet qed tippretendi li hija tithallas ghax-xoghol addizzjonali li kien qed isir b'rabta mal-Funds. Din il-pretensjoni jidher li giet ribadita minn Lecocq fl-email li huwa baghat fis-26 ta' Dicembru 2012[10].

[7] Datat 29 ta' April 2011, fol. 75.
[8] Dok. AUD13.
[9] Fol. 75.
[10] Dok. AUD13.

B'referenza, imbaghad, ghall-verzjoni tas-socjeta` konvenuta illi l-partijiet kien ftiehmu verbalment illi ma kien ser ikun hemm ebda hlas dovut ghal xoghol addizzjonali fosthom ghat-tibdiliet li kellhom isiru fil-membri tal-*investment committee* u fil-*founder shareholders* ghaliex diga` kien hemm ftehim fuq il-hlas ta' *flat fee*, il-Qorti wara li rat l-*e-mail* immarkat Dok. AUD13, li ntbaghat fis-26 ta' Dicembru 2012 minn Domenic Lecocq lil Alberto Llaneza Martin, taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Minn dan l-*e-mail* huwa manifest illi t-tibdiliet li kien qed jaghmel referenza ghalihom Domenic Lecocq, liema tibdiliet kien hemm ftehim li kellhom isiru gratuwitament, jirreferu limitatament ghal dawk it-tibdiliet li kienu mehtiega li jsiru **fl-*offering documentation* b'rabta mal-hlas tal-*performance fee* lill-membri tal-*investment committee* fis-Sicav, u mhux ghax-xoghol addizzjonali ta' tibdiliet li ntalbu biex isiru fl-istruttura tal-Fund wara li din giet inkorporata u mwaqqfa**. Kemm hu hekk li Domenic Lecocq fl-istess *e-mail*[11] qal hekk:-

"*Regarding numerous IC and founder changes, I never agree not to charge anything. Because I am friendly, I may agree to do a discount because you were unlucky but there will be an invoice.*"

Imbaghad, rigward it-tibdiliet li kellhom isiru fir-rigward tal-hlas tal-*performance fee*, huwa qal hekk:-

"*As you know, because I am friendly, I already agreed to make all the changes free of charge.* ***I will not discount anything else***." [enfasi tal-Qorti]

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Joseph Portelli et vs Rik Limited**[12], gie ritenut illi l-azzjoni ghall-hlas ta' servizzi moghtija tregi sija fuq il-prezunzjoni li min jaghti servizz lil haddiehor jaghmel

[11] 26 ta' Dicembru 2012, Dok. AUD13.
[12] Deciza 16 ta' Dicembru 2003.

hekk bil-fehma li jithallas ta' dak li ghamel, u sija wkoll fuq il-kwazi-kuntratt. Wara kollox, jinsab stipolat fl-Artikolu 1012 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi:-

*"Il-kwasi kuntratt huwa fatt lecitu u volontarju illi minnu tohrog obligazzjoni lejn persuna ohra jew obligazzjonijiet tal-partijiet lejn xulxin."*

Fl-istess sentenza appena msemmija ntqal ukoll hekk in propositu:-

***"Minbarra dan ilu zmien twil acettat li il-hlas ta' servigi jista' jkun dovut mhux biss jure actionis, jigifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll officio judicis, jigifieri meta mic-cirkostanzi ikun jidher sewwa illi min ta' dak is-servizz ried li jithallas tieghu jew kien imwieghed hlas ghalieh**. Biex wiehed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li tithallas ghandu jitqies il-waqt meta jinghata tali servizzi, ghaliex ic-cirkostanzi li jsehhu wara ma jservix biex joholqu b'lura dritt ta' fehma li ma kienitx l-intenzjoni tal-partijiet li joholqu."* [Enfasi ta' din il-Qorti]

Ghalkemm, kif inghad, ma ntweriex b'mod konklussiv li kien hemm xi ftehim formali bejn il-partijiet ghall-hlas ta' rata fissa fis-siegha ghall-prestazzjoni ta' xi servizzi addizzjonali lil hinn minn dawk is-servizzi ordinarjament konnessi mat-twaqqif u inkorporazzjoni ta' Professional Investor Fund, il-Qorti tqis illi n-nuqqas ta' ftehim formali m'hijiex ta' xkiel ghal sejbien ta' responsabblita` ghall-hlas ta' xi servizz.

Huwa risaput in materja li sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg principju illi *omnia labor, optat premium*[13]. Barra minn hekk, il-Qorti tqis illi biex titwaqqa' l-presunzjoni li servigi nghataw bi speranza ta' kumpens, jehtieg li min jallega li x-xoghol sar b'xejn irid igib provi tajbin bizzejjed biex iwaqqa' din il-presunzjoni u juri b'mod konvincenti li l-intenzjoni tar-remunerazzjoni kienet eskluza u illi s-servizz ma setax gie prestat hlief gratuwitament.

[13] **Nutar Dr Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Limited et**, Qorti tal-Appell (Inf) 20 ta' Novembru 2009. Ara wkoll: – **Albert Calleja vs Direttur Generali tal-Qorti**, deciza Qorti tal-Appell (Inf), 6 ta' April 2005.

Fis-sentenza **Frank Salt Real Estate Limited vs Edward Anthony Ellul Sullivan pro et noe**, gie ritenut illi:-

"*… il-kumpens dovut, sew ghall-mandat jew ghas-servigi, jippresupponi espletament ta' xoghol, u jigi mhallas fl-ewwel ipotesi, jekk hemm konvenzjoni, skond il-konvenzjoni, u jekk ma hemmx konvenzjoni skond il-kwantita` u l-kwalita` tax-xoghol" ("**Carmelo Pace -vs- Josephine Tabone Valletta**", Prim' Awla, Qorti Civili, 4 ta' Marzu, 1953)."*[14]

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tosserva illi anke jekk, kif qed jigi sostnut mis-socjeta` konvenuta, ma sar ebda ftehim rigward hlas ghal servizzi addizzjonali oltre ghall-ftehim originali dwar il-*flat rate*, b'applikazzjoni tat-taghlim in materja, b'daqshekk ma jfissirx li dawk is-servizzi ma jimmeritawx kumpens. **Tqis ulterjorment illi jekk jirrizulta fil-kaz odjern, illi nqala' l-bzonn ta', u jew intalbet il-prestazzjoni ta' servizzi professjonali ulterjuri b'rabta mal-Armatura Fund, liema servizzi imorru lil hinn mit-twaqqif u inkorporazzjoni tal-istess sub fund, u jigi ppruvat illi gew debitament rezi dawn is-servizzi, il-presunzjoni ghandha tkun li dawn is-servizzi gew rezi bi stennija ta' kumpens**.

Ghall-Qorti, dak li huwa zgur hu li qatt ma kien hemm ftehim li ghax-xoghol addizzjonali li kellu jsir minhabba tibdiliet fl-Armatura Fund u *sub-fund*s ohrajn tas-Sicav, ma kellu jsir ebda hlas u konsegwentement, l-allegazzjoni tas-socjeta` konvenuta illi kien hemm ftehim illi xoghol addizzjonali minhabba tibidiliet fil-Fund kellhom isiru gratuwitament, ma gietx ippruvata, anzi giet kontradetta mill-provi. **Dan ifisser illi s-socjeta` konvenuta ma setghetx tistenna li ghas-servizzi addizzjonali m'huwiex dovut hlas u ghalhekk, hija gustifikata u intitolata s-socjeta` attrici li titlob il-hlas ghal servizz addizzjonali rezi**

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 8 ta' Jannar 2010.

**sussegwentement jew b'zieda max-xoghol ta' twaqqif u inkorporazzjoni tas-sub fund.**

Ikkunsidrat;

Jirrizulta illi s-socjeta` konvenuta ma tinnegax illi dawn is-servizzi addizzjonali gew effettivament rezi, izda tikkontendi li dawn is-servizzi kienu relatati mat-twaqqif tal-Armatura Fund u kellhom jigu inkluzi fil-*flat fee* miftiehem ghat-twaqqif u inkorporazzjoni ta' din is-*sub fund* u f'kull kaz, ix-xoghol addizzjonali kellu jsir bla hlas.

Il-Qorti rat l-atti, u minn ezami akkurat tat-*timesheet*s annessi mal-invoice Dok. AF1, tosserva illi effettivament, is-socjeta` konvenuta ghandha ragun meta qalet li bosta mill-*entries* jirrelataw mat-twaqqif tal-Fund innifsu. Fil-fatt, huwa evidenti illi talanqas sal-1 ta' Dicembru 2011, l-Armatura Fund kienet ghadha lanqas giet inkorporata u dan stante illi skont l-*entry* relattiva, ix-xoghol li sar fl-imsemmija data kien jikkonsisti testwalment f'"*updating of the offering documentation for Audentia Capital SICAV plc. Sent to MFSA. Emailed client that we should have the licence*." Ghall-Qorti huwa ovvju illi s'hawnhekk l-Armatura Fund kienet ghadha lanqas kisbet il-licenzja biex topera, filwaqt illi sad-9 ta' Novembru 2011 il-kont tas-Sicav kien ghadu lanqas gie attivat. It-*timesheet*s in kwistjoni jindikaw illi effettivament, ic-certifikat ta' inkorporazzjoni tal-Fund in kwistjoni u l-licenzja relattiva nhargu ghall-habta tal-14 ta' Dicembru 2011. L-entry relattiv ta' daknihar jghid hekk:-

"*Prepared licence and certificate of incorporation – certified – sent to client.*"

Din il-konkluzjoni hija msahha mix-xhieda ta' Dr. Caroline Pace - li kkonfermat illi l-Armatura Fund giet licenzjata ghall-habta ta' Dicembru 2011 jew Jannar 2012 - kif ukoll minn Dok. CSH li jindika li l-licenzjar tas-sub fund Armatura Fund sehhet f'Dicembru 2011. **Dan ifisser illi x-xoghol kollu**

**indikat fit-*time sheets* in kwistjoni u li lahaq sar sal-14 ta' Dicembru 2011 huwa ovvjament xoghol li sar in konnessjoni mal-inkorporazzjoni tal-Armatura Fund, liema xoghol jirrizulta li kien qed isir kontestwalment u kellu jithallas permezz ta' *flat rate* fis-somma ta' €24,000**[15]. Kemm hu hekk, jirrizulta mill-provi illi kien inharget fattura unika ghall-hlas tax-xoghol ta' inkorporazzjoni sija tal-kumpannija Audentia Capital SICAV u sija wkoll tal-Armatura Fund, liema fattura kienet giet debitament imhallsa.

Fir-rigward, Domenic Lecocq xehed[16] hekk:-

"*Regards to the initial set up we work with a flat rate with regards to payment since we know what the works involves which includes a setup of the Sicav and the sub-fund.*
…
*The flat fee for the umbrella of the Sicav and also for the setup of Armatura fund were paid.*"

Dan gie wkoll affermat mix-xhud Leanne Sciberras li xehdet hekk:-

"*… ix-xoghol li sar ghall-inkorporazzjoni tal-Armatura Fund thallas permezz ta' invoice li kienet indirizzata lil Audentia Capital Sicav. Ir-raguni ghaliex kienet inkorporata f'dik l-invoice kien ghaliex ix-xoghol ta' inkorporazzjoni kienet inkluza mas-setup tal-Armatura Fund u tal-Audentia Sicav*"[17]

Din ix-xhud ikkonfermat ukoll illi **l-invoices pendenti u reklamati fir-Rikors promotur jirreferu ghax-xoghol li sar <u>wara</u> li effettivament dan il-fund gie stabbilit u inkorporat** u fir-rigward, hija esebit Dok. CSH[18] li fih jinsab indikat illi x-xoghol addizzjonali li ghalih qed jigi pretiz il-hlas skont l-invoice mertu ta' din il-kawza, **huwa biss dak li gie rez minn Dicembru 2011 'il quddiem.**

Ikkunsidrat;

---

[15] Vide email tad-29 ta' April 2011, fol. 75.
[16] 20 ta' Jannar 2016.
[17] Xhieda 6 ta' Lulju 2016.
[18] Fol. 105 *et seq*.

Minn harsa lejn l-*entries* fit-*timesheet*s esebiti mal-invoice Dok. AF1, jigi rilevat li mill-14 ta' Dicembru 2011 'l quddiem gew effettivament prestati servizzi ulterjuri u addizzjonali mis-socjeta` attrici, u dan b'rabta ma' xi tibdiliet u kambjamenti fl-istruttura u fl-*offering documentation* tal-Fund in kwistjoni, u dan **wara li l-Fund kien diga` gie licenzjat**. Il-fatt li saru diversi tibdiliet fl-istruttura tal-Fund sussegwentement ghall-inkorporazzjoni tieghu, jirrizulta mhux biss mill-*entries* fit-*timesheet*s izda gie affermat ukoll minn Robert Higgins[19] li fix-xhieda tieghu fisser illi "*kien hemm tibdil dwar il-prime broker lejn l-ahhar tas-sena 2011*".

Mill-*entries* fit-*timesheet*s mill-14 ta' Dicembru 2011 sal-ahhar *entry* li sar fil-15 ta' Ottubru 2012, jirrizulta illi effettivament saru diversi aggornamenti u emendi fl-*offering supplement* tal-Fund in kwistjoni, u sar ukoll trasferiment ta' xi ishma[20]. F'Lulju tas-sena 2012 thejjiet ukoll rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi ghall-approvazzjoni u eventwali sottomissjoni lill-MFSA in konnessjoni ma' tibdil fl-*offering supplement*, kif ukoll saru emendi f'xi dokumentazzjoni minhabba l-hatra ta' membru gdid tal-*investment committee*. Jirrizulta wkoll illi s-socjeta` attrici giet inkarigata titlob estensjoni tal-*initial offering period* tal-Armatura Fund sal-15 ta' Ottubru 2012, u t-talba ghal din l-estensjoni kienet giet effettivament approvata mill-awtorita` kompetenti fit-13 ta' Lulju 2012[21]. Dawn is-servizzi kollha jinsabu riflessi u elenkati fid-dokument esebit minn Leanne Scicluna (Dok. CSH)[22].

Fil-fehma tal-Qorti dan huwa kollu xoghol addizzjonali li jmur lil hinn mill-formazzjoni originali tal-Fund, liema xoghol evidentement ma kienx previst fil-ftehim dwar il-*flat fee* dovut ghall-inkorporazzjoni tas-Sicav u l-Armatura Fund. Ghaldaqstant, appplikat l-insenjament in materja fuq riprodott u in omagg ghall-

[19] Deputy Director MFSA Authorisation Unit; xhieda tat-13 ta' Jannar 2016.
[20] Vide entry tal-14 ta' Dicembru 2011.
[21] Vide entry tat-13 ta' Lulju 2012.
[22] Fol. 105 *et seq*.

princiju *omnia labor, optat premium,* dan ix-xoghol ulterjuri jisthoqq li jigi kkumpensat.

Illi mit-*timesheet*s annessi mal-invoice Dok. AF1, jirrizulta li ghal total ta' madwar 41 siegha ta' xoghol li sar bejn is-26 ta' Ottubru 2011 u l-15 ta' Ottubru 2012, is-socjeta` attrici qieghda tirreklama s-somma ta' €5,328.68 inkluz taxxa fuq il-valur mizjud, cioe` rata ta' cirka €130 fis-siegha. Kif rajna, ix-xoghol li sar sal-14 ta' Dicembru 2011 qieghed jitqies illi sar riferibbilment u in konnessjoni mal-inkorporazzjoni u twaqqif tal-Armatura Fund, u m'huwiex kontestat illi ghal dawn is-servizzi kien gie miftiehem *flat fee* fis-somma ta' €24,000. Hemm qbil ukoll illi din is-somma thallset *in toto* lis-socjeta` attrici. Dan ifisser illi huma biss l-*entries* ta' xoghol li sar **mill-14 ta' Dicembru 2011 'il quddiem** li ghandhom jitqiesu bhala xoghol addizzjonali li jmur lil hinn mit-twaqqif u formazzjoni tal-Fund u li b'hekk jimmerita li jigi kkumpensat.

Ikkunsidrat;

Fil-mertu wkoll, u fit-tieni lok, is-socjeta` konvenuta teccepixxi li l-ammont mitlub mhux dovut ghaliex is-sighat u r-rati kkwotati fl-invoice mibghuta minnha huma ezagerati meta mqabbla man-natura tas-servizzi moghtija.

Ghalkemm, kif rajna, Domenic Lecocq xehed illi huwa kien iddiskuta ma' Alberto Llaneza Martin u l-Bord tas-socjeta` konvenuta, ir-rati fis-siegha ghal xoghol "*ongoing*" u li kien hemm qbil li jigu applikati dawn ir-rati, ma jirrizultax mix-xhieda u mill-provi x'kienet effettivament din ir-rata. Madanakollu, kif rajna, minn ezami tat-*timesheets* esebiti mal-invoice Dok. AF1, jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet qed ticcargja rata ta' cirka €130 fis-siegha inkluz taxxa fuq il-valur mizjud ghal dan ix-xoghol.

Is-socjeta` konvenuta ma tfissirx kif u ghalfejn din ir-rata hija eccessiva. Il-Qorti tqis illi kien jinkombi fuq is-socjeta` konvenuta li tipprova dak illi gie

allegat minnha, izda hija baqghet ma ressqet l-ebda prova sodisfacjenti fir-rigward. Kif diga` rajna, Domenic Lecocq xehed illi s-socjeta` konvenuta kienet regolarment titlob tibdiliet fid-dokumentazzjoni li kienet thejji s-socjeta` attrici, liema tibdiliet kienu jehtiegu xoghol amministrattiv li jinvolvi certu hin li ghalih is-socjeta` attrici kellha tigi kkumpensata. Jinghad ukoll li l-invoice bit-*timesheets* annessi, huwa wiehed dettaljat u spjegattiv u ghalhekk, jekk is-socjeta` konvenuta hasset li kien hemm xi *entry* ta' xoghol li gie mitlub li thallas tieghu f'kaz fejn is-servizz partikolari ma kienx gie effettivament rez kif spjegat u mitlub jew sar f'hin inqas minn dak indikat, kellha d-dover li tressaq provi tajbin biex tissostanzja din l-allegazzjoni. Izda dan baqghet ma ghamlitux.

Inoltre, hija l-fehma tal-Qorti li s-socjeta` konvenuta baqghet lanqas ma wriet kif ir-rata fis-siegha applikata mis-socjeta` attrici hija wahda irragjonevoli u lanqas irnexxielha tikkonvinci lill-Qorti li xi servizz partikolari ma sarx jew sar f'hin inqas minn dak indikat.

In konkluzjoni u b'referenza ghall-ilment tas-socjeta` konvenuta[23] illi r-rati applikati huma esagerati meta mqabbla man-natura ta' whud mis-servizzi moghtija, fosthom "*scanned on server duly signed application form and board resolution*" u "*preparation of copies of documentation*", il-Qorti ma fehmitx kif is-socjeta` attrici, galadarba gie ampjament ippruvat li ghall-prestazzjoni tas-servizzi taghha hija tapplika rata fis-siegha, ghandha tapplika rati differenti skont in-natura tas-servizz rez. Hu ovvju illi xoghol li huwa baziku u ma jinvolvix hafna hin, ghandu jibqa' jigi ccargjat bl-istess rata izda billi l-hin involut ikun ftit, proporzjonalment il-hlas ikun ftit ukoll.

Ghaldaqstant ir-raba' eccezzjoni wkoll mhijiex tajba u ser tigi michuda.

[23] Vide nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta tas-6 ta' Dicembru 2017, pagna 7 a fol. 162.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi dan premess u deciz, jifdal ghalhekk li jigi kwantifikat il-kumpens dovut lis-socjeta` attrici ghas-servizzi minnha prestati lis-socjeta` konvenuta in konnessjoni mal-Armatura Fund, liema servizzi ma kellhomx x'jaqsmu mat-twaqqif u inkorporazzjoni tal-istess Fund u ma kienux inkluzi fil-*flat rate* miftiehma u diga` mhallsa. Kif stabbilit, dawn huma is-servizzi li gew rezi mill-14 ta' Dicembru 2011 'il quddiem, ossia wara li dan il-Fund gie effettivament licenzjat biex jibda jopera.

Skont kif jirrizulta mit-*timesheets* annessi mal-invoice Dok. AF1, l-ammont totali ta' sighat ta' xoghol li sar bejn is-16 ta' Dicembru 2011[24] u l-ahhar *entry* li sar fil-15 ta' Ottubru 2012, huwa ta' cirka 16-il siegha[25]. Applikata ghalhekk ir-rata pretiza mis-socjeta` attrici fis-somma ta' €130 fis-siegha, isegwi illi ghal dawk is-servizzi addizzjonali prestati in konnessjoni mal-Armatura Fund bejn l-14 ta' Dicembru 2011 u l-15 ta' Ottubru 2012, liema servizzi kif inghad, m'humiex koperti bil-*flat fee* mhallas lis-socjeta` attrici, huwa dovut hlas fis-somma ta' elfejn u tmenin Euro (€2,080).

In konkluzjoni, il-Qorti tqis ukoll illi l-hlas li huwa dovut ghal dawn is-servizzi ghandu jsir minn dik l-entita` li fl-interess u ghall-beneficcju taghha, sar tali xoghol addizzjonali. F'dan il-kaz, jirrizulta li l-hlas pretiz mis-socjeta` attrici jirreferi ghal xoghol li sar fl-interess u ghall-beneficcju tal-kumpannija Audentia Capital Sicav plc, b'rabta mal-Armatura Fund minnha mwaqqaf u ghaldaqstant, il-hlas huwa dovut mill-istess socjeta` konvenuta.

---

[24] L-ewwel entry li sar wara l-14 ta' Dicembru 2011.
[25] Cirka 1000 minuta.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tilqa' t-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta biss safejn huwa kompatibbli ma' dak hawn deciz, tichad it-tieni u r-raba' eccezzjonijiet u konsegwentement tilqa' parzjalment it-talba tas-socjeta` attrici billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn u tmenin Euro (€2,080) rapprezentanti servizzi professjonali li nghataw kif imfisser fir-Rikors promotur, bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva cioe` mis-7 ta' Jannar 2013.**

**L-ispejjez jithallsu nofs b'nofs bejn il-partijiet.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**